# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,884

Il-Ġimgħa, 11 ta' Settembru, 1981
Friday, 11th September 1981

Prezz 12c
Price 12c


## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 494

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ippubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XXXVI ta' l-1981 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar Pjan ta' Żvilupp għal Malta 1981-85.

Att Nru. XXXVII ta' l-1981 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar l-Approprjazzjoni (1982).

Att Nru. XXXVIII ta' l-1981 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (1981).

Il-11 ta' Settembru, 1981

Nru. 495

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠIJIET FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġijiet li ġejjin huma ippubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 201 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar l-Għajnuna Nazzjonali (Emenda Nru. 2).

Abbozz ta' Liġi Nru. 202 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ (Emenda Nru. 2).

Abbozz ta' Liġi Nru. 204 imsejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Emenda Nru. 3).

Il-11 ta' Settembru, 1981

## GOVERNMENT NOTICES

No. 494

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXXVI of 1981 entitled the Development Plan for Malta 1981-85 Act, 1981.

Act No. XXXVII of 1981 entitled the Appropriation (1982) Act, 1981.

Act No. XXXVIII of 1981 entitled the Second (1981) Appropriation Act, 1981.

11th September, 1981

No. 495

**PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 201 entitled the National Assistance (Amendment) (No. 2) Act, 1981.

Bill No. 202 entitled the Old Age Pensions (Amendment) (No. 2) Act, 1981.

Bill No. 204 entitled the Import Duties (Amendment) (No. 3) Act, 1981.

11th September, 1981

## Nru. 496

## ATT TA' L-1976 DWAR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

**Tribunal Industrijali**

*'Panel' ta' Persuni Nominati minn 'Trade Unions'*

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Artikolu 26 ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura innominat il-persuni li ġejjin biex jiffurmaw il-*panel* ta' persuni nominati minn *trade unions* li minnhom għandhom jintagħżlu membri tat-Tribunal Industrijali:

Guido Callus
Salvino Spiteri
Paul Camenzuli
J. C. Saliba
E. Privitera
Louis Grech

Il-11 ta' Settembru, 1981

## No. 496

## INDUSTRIAL RELATIONS ACT, 1976

**Industrial Tribunal**

*Panel of Persons Nominated by Trade Unions*

IT is hereby notified for general information that in accordance with Section 26 of the Industrial Relations Act, 1976, the Minister of Labour, Welfare and Culture has appointed the following persons to form the panel of persons nominated by trade unions from which members of the Industrial Tribunal shall be selected:

Guido Callus
Salvino Spiteri
Paul Camenzuli
J. C. Saliba
E. Privitera
Louis Grech

11th September, 1981

## Nru. 497

## ATT TA' L-1976 DWAR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI

**Tribunal Industrijali**

*'Panel' ta' Persuni Nominati minn Assoċjazzjonijiet ta' Prinċipali u Organizzazzjonijiet Oħra li Jirrappreżentaw lil Prinċipali*

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-Artikolu 26 ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura innominat il-persuni li ġejjin biex jiffurmaw il-*panel* ta' persuni nominati minn assoċjazzjonijiet ta' prinċipali u organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lil prinċipali li minnhom għandhom jintagħżlu membri tat-Tribunal Industrijali:

J. Gasan
R. Biasini
A. E. Guillaumier
Sydney A. Gatt
R. V. Pizzuto
Philip A. Toledo

Il-11 ta' Settembru, 1981

## No. 497

## INDUSTRIAL RELATIONS ACT, 1976

**Industrial Tribunal**

*Panel of Persons Nominated by Employers' Associations and other Organisations Representing Employers*

IT is hereby notified for general information that in accordance with Section 26 of the Industrial Relations Act, 1976, the Minister of Labour, Welfare and Culture has appointed the following persons to form the panel of persons nominated by employers' associations and other organisations representing employers from which members of the Industrial Tribunal shall be selected:

J. Gasan
R. Biasini
A. E. Guillaumier
Sydney A. Gatt
R. V. Pizzuto
Philip A. Toledo

11th September, 1981

## Nru. 498

### ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 92)

**Nomina ta' Nutar Delegat**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili innominat lin-Nutar Dottor Joseph R. Darmanin, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer.

Il-25 ta' Awissu, 1981

## No. 498

### NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 92)

**Appointment of Notary Delegate**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Doctor Joseph R. Darmanin, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Doctor Angelo Vella, LL.D., during the latter's absence from these Islands.

25th August, 1981

## Nru. 499

### ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 92)

**Nomina ta' Nutar Delegat**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artiklu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili innominat lin-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, LL.D., bħala Nutar Delegat ta' l-Atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer.

Is-27 ta' Awissu, 1981

## No. 499

### NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 92)

**Appointment of Notary Delegate**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Doctor Joseph Henry Sciriha, LL.D., to be Notary Delegate for Notary Anthony Grech Trapani during the latter's absence from these Islands.

27th August, 1981

## Nru. 500

### ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 74)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma ibbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie iffissat għall-finijiet ta' l-artiklu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej: —

## No. 500

### GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE (CHAPTER 74)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows: —

| | Deheb Pur — Pure Gold | | Fidda Pura — Pure Silver | |
|---|---|---|---|---|
| Data — Date | Gramma Gram | Uqija Maltija Maltese Ounce | Gramma Gram | Uqija Maltija Maltese Ounce |
| 4. 9.1981 | £M5.80,0 | £M153.47 | 14c5 | £M3.84 |
| 7. 9.1981 | £M5.72,7 | £M151.54 | 14c3 | £M3.78 |
| 8. 9.1981 | £M5.74,4 | £M151.99 | 14c3 | £M3.78 |
| 9. 9.1981 | £M5.71,9 | £M151.33 | 14c6 | £M3.86 |
| 10. 9.1981 | £M5.88,6 | £M155.75 | 15c3 | £M4.05 |

Il-11 ta' Settembru, 1981
(M40/72)

11th September, 1981

## Nru. 501

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 846/73/XI)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fil-Marsa:—

1A. Parti mill-fond Nru. 1 Sqaq il-Ħaddieda (Markat bl-ittri "A", "B" u "C" fuq il-pjanta LD 129J/73) tal-kejl ta' 326.98 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral u min-Nofs-in-Nhar ma' toroq pubbliċi u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Paul Scicluna u oħrajn.

1B. Il-fond Nru. 33/34 Triq it-Tiġrija (Markati bl-ittri "D", "E" u "F" fuq il-pjanta LD 129J/73), li tmiss mill-Majjistral, mil-Lbiċ u min-Nofs-in-Nhar ma' toroq pubbliċi u mill-Grigal ma' proprjetà ta' Paul Scicluna u oħrajn.

2B. Biċċa art tal-kejl ta' 1819-il metru kwadru, (markata bħala *plot* 2 u li fiha *items* markati "G" "H" "I" "J" "K" u "P" fuq il-pjanta LD 129J/73), li tmiss mill-Majjistral ma' triq pubblika, mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sinjura Marianna Catania u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Dott. Anton Buttigieg, LL.D., u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq pjanta markata L.D. 129J/73/1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Din id-dikjarazzjoni tħassar dik pubblikata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 721 tat-18 ta' Ottubru, 1974, safejn għandhom x'jaqsmu *plot* 1 (ii) u (iii) u parti ta' *plot* 1 (i) u parti ta' *plot* 2 (i), (ii), (iii), (iv), (v) u (x).

(Iff) ANTON BUTTIGIEG
*President*

Is-26 ta' Awissu, 1981

## No. 501

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

*Description of the Land*

The following land at Marsa:—

1A. Part of premises No. 1 Blacksmith's Lane (Marked with letters "A" "B" and "C" on plan LD 129J/73) of the area of 326.98 square metres, bounded on the North-West and South by public roads and on the East by property of Paul Scicluna and others.

1B. Premises No. 33/34 Racecourse Street (Marked with the letters "D" "E" and "F" on plan LD 129J/73), bounded on the North-West, on the South-West and on the South by public roads and on the North-East by property of Paul Scicluna and others.

2B. A plot of land of the area of 1819 square metres, (marked as plot 2 and comprising items marked "G" "H" "I" "J" "K" and "P" on plan LD 129J/73), bounded on the North-West by a public road, on the North-East by property of Mrs Marianna Catania and on the South-West by property of Dr Anton Buttigieg, LL.D., and others.

The abovementioned land is shown on plan marked L.D. 129J/73/1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This declaration supersedes that published by Government Notice No. 721 of the 18th October, 1974, in so far as plot 1 (ii) and (iii) and part of plot 1 (i) and part of plot 2 (i), (ii), (iii), (iv), (v) and (x) are concerned.

(Sgd) ANTON BUTTIGIEG
*President*

26th August, 1981

## Nru. 502

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 398/74)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-dikjarazzjoni tad-29 ta' Novembru, 1974, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Diċembru, 1974, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 809 il-Gvernatur-Ġenerali kien iddikjara l-biċċa art f'Birkirkara tal-kejl ta' 62604.8 metri kwadri, li tinkludi sqaq, dar u *garage,* żewġt idjar żgħar oħra, żewġt irziezet, struttura tal-ġebel bis-saqaf tal-pjanċi taż-żingu, 5 strutturi rurali, kamra għall-annimali u maħżen, 8 ikmamar rurali, dwejra, 8 griebeġ, pedamenti u serra, li tmiss mill-Majjistral ma' Sqaq il-Qattus, mix-Xlokk parti ma' proprjetà tas-Sur Salvu Bezzina u oħrajn, parti ma' proprjetà tas-Sur Paul Baldacchino, parti ma' sqaq u parti ma' proprjetà ta' sidien inċerti u min-Nofs in-Nhar ma' Triq Paris u ma' proprjetà tas-Sur Salvu Bezzina u oħrajn, kienet meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u billi parti minn din l-art mgħadhiex aktar hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija mgħadhiex meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja f'Birkirkara:

1. Biċċa art tal-kejl ta' 1,578 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn, mill-Punent ma' triq pubblika u min-Nofs-in-Nhar u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Kan. Carmelo Pirotta.

2. Biċċa art tal-kejl ta' 1,860.3 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Majjistral u min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Lawrence Portanier u mill-Punent ma' triq pubblika.

## No. 502

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration dated 29th November, 1974, published in the Government Gazette of the 6th December, 1974, under Notice No. 809 the Governor-General had declared the plot of land at Birkirkara of the area of 62,604.8 square metres, including an alley, a house and garage, another 2 small houses, 2 farmhouses, masonry structure with G.C.I. roof, 5 rural structures, room for animals and store, 8 rural rooms, a dwejra, 8 griebeġ, foundation and a glass house, bounded on the North-West by Cat Lane, on the South-East partly by property of Mr Salvu Bezzina and others, partly by property of Mr Paul Baldacchino, partly by an alley and partly by property of uncertain owners and on the South by Paris Street and by property of Mr Salvu Bezzina and others, to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Description of the Land*

The following land at Birkirkara:

1. A plot of land of the area of 1,578 square metres, bounded on the North by property of Mr Alfred Borg and others, on the West by a public road and on the South and South-East by property of Can. Carmelo Pirotta.

2. A plot of land of the area of 1,860.3 square metres, bounded on the North, on the North-West and on the South by property of Mr Lawrence Portanier and on the West by a public road.

3. Biċċa art tal-kejl ta' 2,306 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Kan. Carmelo Pirotta, mill-Punent ma' triq pubblika u min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Dott. Joseph Micallef, M.D.

4. Biċċa art tal-kejl ta' 2,104 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Lawrence Portanier, mill-Punent ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Paul Vassallo u oħrajn.

5. Biċċa art tal-kejl ta' 3,480 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' triq pubblika u min-Nofs-in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn.

6. Biċċa art tal-kejl ta' 5,261 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn, min-Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika u mil-Lvant parti ma' proprjetà tad-Ditta Property Developments Limited u parti ma' proprjetà tas-Sur Harold Borg, A.&C.E.

7. Biċċa art tal-kejl ta' 7,446 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn, min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà ta' Scicluna's Estates u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Joseph Licari.

8. Biċċa art tal-kejl ta' 3,075 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Paul Vassallo u mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Joseph Licari.

9. Biċċa art tal-kejl ta' 3,156 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn, min-Nofs-inNhar ma' proprjetà tad-Ditta Property Developments Limited u mill-Grigal ma' triq pubblika.

10. Biċċa art tal-kejl ta' 4,051 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Victor Debono, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Alfred Borg u oħrajn u min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Harold Borg, A.&C.E.

11. Biċċa art tal-kejl ta' 2,000 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tad-Ditta Property Developments Limited, min-Nofs-in-Nhar ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq pjanta markata L.D. 298/74/5, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-14 ta' Awissu, 1981

3. A plot of land of the area of 2,306 square metres, bounded on the North by property of Can. Carmelo Pirotta, on the West by a public road and on the South by property of Dr Joseph Micallef, M.D.

4. A plot of land of the area of 2,104 square metres, bounded on the North by property of Mr Lawrence Portanier, on the West by a public road and on the East by property of Mr Paul Vassallo and others.

5. A plot of land of the area of 3,480 square metres, bounded on the West by a public road and on the South and East by property of Mr Alfred Borg and others.

6. A plot of land of the area of 5,261 square metres, bounded on the North partly by a public road and partly by property of Mr Alfred Borg and others, on the South by a public road and on the East partly by property of Messrs Property Developments Limited and partly by property of Mr Harold Borg, A.&C.E.

7. A plot of land of the area of 7,446 square metres, bounded on the West by property of Mr Alfred Borg and others, on the South by property of Scicluna's Estates and on the East by property of Mr Joseph Licari.

8. A plot of land of the area of 3,075 square metres, bounded on the North and on the West by property of Mr Paul Vassallo and on the North-East by property of Mr Joseph Licari.

9. A plot of land of the area of 3,156 square metres, bounded on the West by property of Mr Alfred Borg and others, on the South by property of Messrs Property Developments Limited and on the North-East by a public road.

10. A plot of land of the area of 4,051 square metres, bounded on the North by property of Mr Victor Debono, on the West by property of Mr Alfred Borg and others and on the South by property of Mr Harold Borg, A.&C.E.

11. A plot of land of the area of 2,000 square metres, bounded on the North by property of Messrs Property Developments Limited, on the South by a public road and on the East by a public road.

The abovementioned land is shown on plan marked L.D. 298/74/5, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

14th August, 1981

Nru. 503

**AKKWIST TA' ART**

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 487/67)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fin-Naxxar:—

1. Biċċa art li tinkludi kamra rurali u parti minn kamra rurali oħra — tal-kejl ta' 212-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Camilleri, min-Nofs-in-Nhar ma' Vjal il-21 ta' Settembru, mil-Lvant ma' Sqaq Pubbliku u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Joseph Camilleri.

2. Biċċa art tal-kejl ta' 260.6 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Peter Farrugia, min-Nofs-in-Nhar ma' Vjal il-21 ta' Settembru u mill-Grigal parti ma' proprjetà tas-Sur Salvatore Camilleri u parti ma' proprjetà tas-Sur Joseph Camilleri.

3. Biċċa art — li tinkludi partijiet ta' żewġt imħażen, 3 ikmamar, parti minn taraġ u partijiet ta' żewġt ikmamar oħra — tal-kejl ta' 845 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal parti ma' proprjetà tas-Sur Victor Camilleri u parti ma' proprjetà tas-Sur Peter Farrugia, min-Nofs-in-Nhar ma' Vjal il-21 ta' Settembru u mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Joseph Camilleri.

4. Biċċa art tal-kejl ta' 208.8 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Victor Camilleri, min-Nofs-in-Nhar u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Peter Farrugia.

5. Biċċa art tal-kejl ta' 194.2 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tad-Ditta Bonavia Brothers, min-Nofs-in-Nhar ma' Vjal il-21 ta' Settembru u mill-Punent ma' Sqaq Pubbliku.

No. 503

**ACQUISITION OF LAND**

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be by absolute purchase.

*Description of the Land*

The following land at Naxxar:—

1. A plot of land — including a rural room and part of another rural room — of the area of 212 square metres, bounded on the North by property of Mr Salvatore Camilleri, on the South by 21st September Avenue, on the East by a Public Lane and on the South-West by property of Mr Joseph Camilleri.

2. A plot of land of the area of 260.6 square metres, bounded on the North-West by property of Mr Peter Farrugia, on the South by 21st September Avenue and on the North-East partly by property of Mr Salvatore Camilleri and partly by property of Mr Joseph Camilleri.

3. A plot of land — including parts of two stores, 3 rooms, part of a stairs and parts of another two rooms — of the area of 845 square metres, bounded on the North-East partly by property of Mr Victor Camilleri and partly by property of Mr Peter Farrugia, on the South by 21st September Avenue and on the South-East by property of Mr Joseph Camilleri.

4. A plot of land of the area of 208.8 square metres, bounded on the North-East by property of Mr Victor Camilleri, on the South and South-West by property of Mr Peter Farrugia.

5. A plot of land of the area of 194.2 square metres, bounded on the North by property of Messrs Bonavia Brothers, on the South by 21st September Avenue and on the West by a Public Lane.

6. Biċċa art tal-kejl ta' 35.6 metri kwadri, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Bonello, mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Bonavia u mill-Punent ma' Sqaq Pubbliku.

7. Biċċa art tal-kejl ta' 25.9 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Bonavia, mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Bonello u min-Nofs-in-Nhar ma' Vjal il-21 ta' Settembru.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq pjanta markata L.D. 212/70/A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

Din id-dikjarazzjoni għandha tħassar dik pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' April, 1971, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 344.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-14 ta' Awissu, 1980

Nru. 504

**AKKWIST TA' ART**

**DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.**

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 463/81)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun għall-pussess u l-użu għal dak iż-żmien li l-esiġenzi tas-servizz pubbliku jeħtieġu.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

Il-fond li ġej fl-Imsida:—

Il-fond Nru. 1 f'Xatt Ta' Xbiex kantuniera ma' Nru. 2 u 4, Rue D'Argens.

Il-fond imsemmi hawn fuq jidher fuq pjanta markata L.D. 145/81, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-24 ta' Awissu, 1981

6. A plot of land of the area of 35.6 square metres, bounded on the South by property of Mr Emanuel Bonello, on the East by property of Mr Carmelo Bonavia and on the West by a Public Lane.

7. A plot of land of the area of 25.9 square metres, bounded on the North-East by property of Mr Carmelo Bonavia, on the West by property of Mr Emanuel Bonello and on the South by 21st September Avenue.

The abovementioned land is shown on plan marked L.D. 212/70/A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This declaration is to supersede that published in the Government Gazette on the 30th April, 1971, under Notice No. 344.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

14th August, 1980

No. 504

**ACQUISITION OF LAND**

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be for the possession and use thereof for such time as the exigencies of the public service require.

*Description of the Land*

The following premises at Msida:—

Premises No. 1 Ta' Xbiex Sea Front corner with No. 2 and 4, Rue D'Argens.

The abovementioned premises are shown on plan marked L.D. 145/81, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

24th August, 1981

Nru. 505

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 18/74/Vol. I)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-dikjarazzjoni tal-15 ta' Ġunju, 1977, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Ġunju, 1977, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 341, il-President ta' Malta kien iddikjara l-biċċa art fl-Imqabba tal-kejl ta' 1,528.6 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Lorenzo Zammit, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tar-Rev. Raymond Ellul kienet meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u billi parti minn din l-art m'għadhiex hekk meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija mgħadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fl-Imqabba:—

Biċċa art tal-kejl ta' 514.5 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' proprjetà tas-Sur Lorenzo Zammit, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tar-Rev. Raymond Ellul.

L-art hawn fuq imsemmija tidher blu u markata Nru. 1 fuq il-pjanta markata L.D. 230/75/A/1, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-14 ta' Awissu, 1981

No. 505

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration dated 15th June, 1977, published in the Government Gazette of the 24th June, 1977, under Notice No. 341, the President of Malta had declared the plot of land at Mqabba of the area of 1,528.6 square metres, bounded on the South-East by property of Mr Lorenzo Zammit, on the North-East and South-West by property of the Rev. Raymond Ellul to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Description of the Land*

The following land at Mqabba:—

A plot of land of the area of 514.5 square metres, bounded on the South-East by property of Mr Lorenzo Zammit, on the NorthEast and South-West by property of the Rev. Raymond Ellul.

The abovementioned land is shown edged blue and marked No. 1 on plan marked L.D. 230/75/A/1, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

14th August, 1981

Nru. 506

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 260/74/III)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tat-22 ta' Awissu, 1979, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Awissu, 1979, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 413, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u billi l-art hawn taħt imsemmija mgħadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija mgħadhiex meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja f'Ħal Għaxaq: —

Biċċa art tal-kejl ta' 1,200 metru kwadru, li tinkludi bir u kamra, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u min-Nofs-in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sinjura Maria Gatt.

L-art hawn fuq imsemmija tidher bħala *item* 3 fl-imsemmija Notifikazzoni tal-Gvern Nru. 413 u tidher bl-aħmar u markata *plot* 3 fuq il-pjanta markata L.D. 345B/73, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-14 ta' Awissu, 1981

No. 506

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration dated 22nd August, 1979, published in the Government Gazette of the 31st August, 1979, under Notice No. 413, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and whereas the undermentioned land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer so required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Description of the Land*

The following land at Għaxaq: —

A plot of land of the area of 1,200 square metres, including a well and room, bounded on the North by a public street and on the South and West by property of Mrs Maria Gatt.

The abovementioned land appears as item 3 in said Government Notice No. 143 and is shown edged red and marked plot 3 on plan marked L.D. 345B/73, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

14th August, 1981

## Nru. 507

## AKKWIST TA' ART

**DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.**

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 979/65/2)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-dikjarazzjoni tad-9 ta' Mejju, 1966, pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-24 ta' Mejju, 1966, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 348, il-Gvernatur-Ġenerali kien iddikjara illi l-fondi f'Nri. 62 u 63, Triq Belvedere, il-Gżira, kienu meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u billi parti minn dawn il-fondi mgħadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-parti tal-fondi hawn taħt imsemmija mgħadhiex meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

L-art li ġejja fil-Gżira: —

Parti mill-fondi 62 u 63, Triq Belvedere, fil-livell ta' pjan terran u l-arja ta' fuqha tal-kejl ta' 25.73 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Felice Borg, mix-Xlokk ma' proprjetà tar-Rev. Dun Anthony Abela u mill-Grigal ma' triq pubblika.

Il-fondi hawn fuq imsemmija jidhru fuq pjanta markata L.D. 93A/81, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-24 ta' Awissu, 1981

## No. 507

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by declaration dated 9th May, 1966, published in the Government Gazette of the 24th May, 1966, under Notice No. 348, the Governor-General had declared premises at Nos. 62 and 63, Belvedere Street, Gżira, to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and whereas part of these premises are no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned part of these premises are no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

*Description of the Land*

The following premises at Gżira: —

Part of premises 62 and 63, Belvedere Street, at ground floor level and the overlying airspace of the area of 25.73 square metres, bounded on the West by property of Mr Felice Borg, on the South-East by property of the Rev. Fr Anthony Abela and on the North-East by a public road.

The abovementioned premises are shown on plan marked L.D. 93A/81, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

24th August, 1981

Nru. 508

## AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 136), hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 8 (1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981
(File No. L. 295/80)

DIKJARAZZJONI
TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitlu 136) u illi l-akkwist tagħha għandu jkun bl-impożizzjoni tas-servitù hawn taħt deskritt.

*Deskrizzjoni ta' l-Art*

Is-servitù li ġej fil-Gżira:—

Tqegħid ta' *Mains* tad-Drenaġġ fi trinka 91.5 metri twila, 0.75 metri wiesgħa u 3.05 metri fonda, matul għalqa tal-kejl ta' 106 11.7 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-werrieta ta' John B. Francia, min-Nofs-in-Nhar parti ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Kattidral ta' l-Imdina u parti ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika.

Is-servitù msemmi hawn fuq jidher fuq pjanta markata L.D. 298A/75, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

L-14 ta' Awissu, 1981

No. 508

## ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) is published in terms and for the purposes of section 8 (1) thereof.

11th September, 1981

DECLARATION
BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136) and that the acquisition thereof is to be by way of the imposition thereon of the easement described hereunder.

*Description of the Land*

The following easement at Gżira:—

Laying of Sewer Mains in a trench 91.5 metres long, 0.75 metres wide and 3.05 metres deep, across a field of the area of 106 11.7 square metres, bounded on the North by property of the heirs of John B. Francia, on the South partly by property of the Cathedral Chapter of Mdina and partly by Government property and on the East partly by Government property and partly by a public road.

The abovementioned easement is shown on plan marked L.D. 298A/75, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd.) ANTON BUTTIGIEG,
*President*

14th August, 1981

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' 'TELEVISIONS' TAL-KULUR

### Ordni Nru. 54

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom *Televisions* tal-Kulur jistgħu jinbiegħu, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej: —

## MAXIMUM PRICES OF COLOUR TELEVISIONS

### Order No. 54

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which Colour Televisions may be sold, shall, until further Order, be as follows: —

| | Width | Channels | With/Without Remote Control | Kull Sett / Per Set — Lin-Negozjant To Dealer | Lill-Konsumatur To Consumer |
|---|---|---|---|---|---|
| *CTV* | 18″ | 30 | *with remote control* | £M264 | £M297 |
| *CTV* | 20″ | 30 | *with remote control* | £M280 | £M315 |
| *CTV* | 22″ | 30 | *with remote control* | £M355 | £M395 |
| *CTV* | 26″ | 16 | *without remote control* | £M365 | £M410 |
| *CTV* | 26″ | 16 | *with remote control* | £M400 | £M450 |
| *CTV* | 26″ | 30 | *with remote control* | £M408 | £M458 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

Il-11 ta' Settembru, 1981

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

11th September, 1981

---

### Korsijiet ta' Reviżjoni ta' Fil-Għaxija f'Livell 'A'

L-Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi sejrin isiru Korsijiet Abbrevjati ta' Reviżjoni Speċjali fil-Għaxija bħala theijija għall-Matrikola ta' Malta ta' Diċembru, 1981 u għall-Eżami ta' Jannar, 1982 tal-*General Certificate of Education* (Livell Avanzat) fis-suġġetti li ġejjin:—

Malti (tal-Matrikola)
Taljan (tal-Matrikola)
Ekonomija
Franċiż

*Drittijiet ta' Reġistrazzjoni:*

| | |
|---|---|
| Studenti Maltin | £M 3 |
| Studenti oħra | £M12 |

Bijoloġija
Kimika
Matematika
Fiżika

*Drittijiet ta' Reġistrazzjoni:*

| | |
|---|---|
| Studenti Maltin | £M 4 |
| Studenti oħra | £M18 |

### 'A' Level Evening Revision Courses

The Acting Director of Education notifies that Special Evening Abbreviated Revision Courses in preparation for the Malta Matric December, 1981 and the London January, 1982 General Certificate of Education (Advanced Level) will be held in the following subjects:—

Maltese Matric.
Italian Matric.
Economics
French

*Registration fees:*

| | |
|---|---|
| Maltese students | £M 3 |
| Other students | £M12 |

Biology
Chemistry
Mathematics
Physics

*Registration fees:*

| | |
|---|---|
| Maltese students | £M 4 |
| Other students | £M18 |

N.B. Is-suġġetti kollha skond is-Sillabu preskritt fl-Iskejjel Governattivi.

Il-korsijiet huma maħsuba biex igħinu lil dawk l-istudenti li ma għaddewx fil-*General Certificate of Education* f'xi suġġetti msemmija hawn fuq, u li jixtiequ jerġgħu joqogħdu għall-eżamijiet.

Il-klassijiet se jsiru darbtejn fil-ġimgħa f'kull suġġett. Il-klassijiet jibdew f'Ottubru, 1981, u jispiċċaw malli jsiru Eżamijiet. Il-vakanzi jimtlew skond id-data ta' l-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Taqsima tal-Klassijiet ta' Fil-Għaxija (Kamra 12), Lascaris, Valletta, bejn it-8.00 a.m. u nofs in-nhar sa nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Settembru, 1981.

F'Għawdex, ir-reġistrazzjonijiet għandhom isiru fl-Uffiċċju ta' l-Uffiċjal ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex, fl-istess ħin u data imsemmija hawn fuq.

Il-korsijiet isiru biss jekk mill-inqas għaxar studenti jirreġistraw, u jistgħu jiġu mitmuma f'kull żmien jekk ma jkunx hemm attendenza adekwata, mingħajr ma jingħataw flus lura. Fil-każ fejn ma jkunx hemm applikazzjonijiet biżżejjed biex tinfetaħ klassi, jingħataw lura l-flus tar-reġistrazzjoni lil dawk li jkunu applikaw. L-applikazzjonijiet li jaslu tard jiġu ikkunsidrati biss jekk ikun hemm vakanzi. L-ebda tibdil ta' suġġetti jew għoti lura ta' flus ma jista' jsir wara l-ħruġ ta' l-irċevuta.

L-istudenti li qegħdin jattendu l-Ewwel Sena tan-*New Lyceum* bħala Apprendisti-Skulari mhumiex eliġibbli biex japplikaw.

Il-11 ta' Settembru, 1981

N.B. All subjects according to the Syllabus prescribed in the Government Schools.

The courses are intended to help those students who failed in the General Certificate of Education in any of the above, and wish to attempt the examinations again.

Classes will be held twice a week in each subject, commencing in October, 1981 and ending with the holding of the examinations. Vacancies will be filled according to the date of application.

Applications will be received at the Education Office, Evening Classes Section, (Room 12) Lascaris, Valletta, between 8.00 a.m. and 12.00 noon, up to Friday, 18th September, 1981.

In Gozo, registrations are to be submitted at the Office of the Education Officer, Victoria, Gozo at the same time and date mentioned above.

The courses will be held only if a minimum of 10 students register, and can be terminated at any time if they are not well attended, without any refund of fees. In the case where there are not enough applications to open a class, the registration fee will be refunded to those who have applied. Late applications will be considered only if there will be vacancies. No alterations of subjects or refund can be made after the issue of the receipt.

Students attending the 1st Year New Lyceum as Worker-Pupils are not eligible to apply.

11th September, 1981

---

## Klassijiet ta' Fil-Għaxija għas-City & Guilds — Sengħa ta' l-Għamara 1981/82

L-Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi Kors Speċjali ta' Fil-għaxija fis-Sengħa tal-Għamara Parti I, suġġett numru 555 se jsir fl-Iskola ta' St Patrick fi Triq Dun Bosco, Tas-Sliema.

Dan il-kors huwa maħsub biex igħin lil dawk l-istudenti li m'għaddewx fl-eżami tagħhom jew dawk li ma spiċċawx il-Kors.

## Evening Classes for City and Guilds — Furniture Craft 1981/82

The Acting Director of Education notifies that a Special Evening Course in Furniture Craft Part I, subject number 555, will be held at St Patrick's School, in Don Bosco Street, Sliema.

This course is intended to help those students who were not successful in their examination, or those who did not finish the Course.

Ma jinbediex kors kemm-il darba ma jkunx hemm mill-inqas għaxar (10) applikanti u jista' jiġi mitmum f'kull żmien matul il-kors jekk ma jkunx hemm attendenza tajba bla ma jingħataw lura d-drittijiet ta' ħlas. Fil-każ fejn ma jkunx hemm applikazzjonijiet biżżejjed biex jinbeda kors id-dritt ta' reġistrazzjoni jingħata lura lil dawk li jkunu applikaw. L-istudenti jkunu jistgħu jiġu trasferiti minn ċentru għall-ieħor.

L-applikazzjonijiet flimkien ma' dritt ta' reġistrazzjoni ta' £M3 għal studenti Maltin u £M21 għal studenti mhux Maltin jintlaqgħu fl-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, Taqsima tal-Klassijiet ta' Fil-għaxija, Kamra 12, Lascaris, Valletta, bejn it-8.30 a.m. u nofs in-nhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m. sa nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Settembru, 1981.

Applikazzjonijiet li jsalu tard jitqiesu biss jekk ikun hemm vakanzi.

L-ebda bdil ta' suġġett jew rifond ta' flus ma jista' jsir wara li tinħareġ l-irċevuta.

Il-vakanzi jimtlew skond id-data ta' l-applikazzjoni.

Il-11 ta' Settembru, 1981

A course will not be started unless there is a minimum of ten (10) applicants and can be terminated at any time during the course if it is not well attended, without any refund of fees. In the case where there are not enough applications to start a course, the registration fee will be refunded to those who have applied. Students are liable to be transferred from one centre to another.

Applications together with a registration fee of £M3 for Maltese students and £M21 for non-Maltese students, will be accepted at the Education Office, Evening Classes Section, Room 12, Lascaris, Valletta, between 8.30 a.m. and 12.00 noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. up to Friday, 18th September, 1981.

Late applications will be considered only if there will be vacancies.

No alteration of subject or refund can be made after the issue of the receipt.

Vacancies will be filled according to the date of application.

11th September, 1981

---

**Eżami Kompetittiv għad-Dħul fl-Iskola għat-Taħriġ għall-Infermieri Reġistrati (Ġenerali)**

Ir-Reġistratur, Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali, jgħarraf illi eżami kompetittiv għad-dħul fl-Iskola għat-Taħriġ għall-Infermieri Reġistrati (Ġenerali), se jsir f'Ottubru, 1981.

2. Hemm vakanzi għal dan il-kors għal kandidati rġiel u nisa.

3. Il-kandidati jridu jkunu:—

(a) mhux inqas minn sittax-il (16) sena u lanqas 'il fuq minn ħamsa u tletin (35) sena fid-data ta' l-egħluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet;

(b) ta' karattru morali tajjeb;

(ċ) mingħajr ebda difett fiżiku jew mentali li jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa ta' dmirijiethom;

(d) kemm-il darba ma jkunux eżenti mill-eżami bil-miktub ta' l-eżami tad-dħul, irid ikollhom ċertifikat, li għandu jkun iċċertifikat f'kull każ mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, li juri li ta' l-anqas ikunu temmew studji bħal dawn li huma ekwivalenti għal dawk tal-Klassi V ta' l-Iskola Sekondarja tal-Gvern;

**Competitive Examination for Admission to the Training School for Registered (General) Nurses**

The Registrar, Board of Local Public Examinations, notifies that a competitive examination for admission to the Training School for Registered (General) Nurses, will be held in October, 1981.

2. There are vacancies for this course for male and female candidates.

3. Candidates must be:—

(a) not under sixteen (16) years nor over thirty-five (35) years of age on the closing date for the receipt of applications;

(b) of good moral character;

(c) free from any physical or mental defect likely to interfere with the proper performance of their duties;

(d) unless exempted from the written test of the entrance examination, in possession of a certificate, to be certified in each case by the Director of Education, showing that they have at least completed such studies as are equivalent to those of Form V of the Government Secondary School;

(e) ċittadini ta' Malta (minbarra ċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom, il-kandidati għandhom jippreżentaw iċ-ċertifikati tat-twelid tal-ġenituri u tan-nannu tagħhom min-naħa tal-missier, li juru l-post tat-twelid).

(f) Jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija (mhux eqdem iżjed minn sitt xhur).

4. Il-kandidati jkunu meħtieġa li jgħaddu eżami kompetitiv tad-dħul li jkun jikkonsisti f'eżami bil-miktub fl-Ingliż (żewġ karti), Malti u Matematika, magħmula fuq is-sillabu tal-Klassi V ta' l-Iskola Sekondarja tal-Gvern, u fit-Tagħrif Ġenerali; il-kandidati li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għal intervista ta' selezzjoni.

5. Il-kandidati li għandhom il-General Certificate of Education f'Livell Ordinarju jew iċ-Ċertifikat tal-Matrikola ta' Malta li juru *passes* fil-Lingwa Ingliża, Malti, Matematika u żewġ suġġetti oħra minn dawn li ġejjin, jiġifieri: —

Letteratura Ingliża
Storja
Ġografija
Xjenza Ġenerali
Fiżika
Kimika
Bijoloġija
Botanika
*Domestic Science* jew *Handicraft*
Lingwa moderna

jiġu eżentati mill-eżami bil-miktub ta' l-eżami tad-dħul iżda jkunu jridu joqogħdu għall-intervista.

6. Il-vakanzi jiġu allokati fl-ordni tal-mertu, wara intervista ta' għażla. Madankollu, tingħata preferenza lil dawk il-kandidati li jkunu eżenti mill-eżami bil-miktub skond iċ-Ċertifikat tal-General Certificate of Education jew tal-Matrikola ta' Malta tagħhom u li jgħaddu mill-intervista.

7. Fil-każ ta' dawk il-kandidati li jġibu l-istess numru totali ta' marki, is-servizz ta' qabel mal-Gvern u jekk dan ma jkunx fattur stabbilit, l-età tittieħed f'kunsiderazzjoni biex jiġi stabbilit l-ordni tal-mertu fosthom.

8. Il-kandidati li jgħaddu jkollhom jagħmlu l-kors ta' studju skond ir-Regolamenti ta' l-1971 dwar l-Iskola ta' Tagħlim għall-Infermieri Reġistrati (Ġenerali).

9. Il-kandidati li jiġu ammessi għall-iskola tat-taħriġ ikunu magħrufa bħala infermieri studenti.

(e) citizens of Malta (besides their birth certificate, candidates are to produce certificates of birth of their parents and paternal grandfather, showing the place of birth).

(f) produce a police certificate of conduct (not older than six months).

4. Candidates will be required to pass a competitive entrance examination which will consist of a written test in English (two papers), Maltese and Mathematics, set on the syllabus of Form V of the Government Secondary School, and in General Knowledge; successful candidates will be submitted to a selective interview.

5. Candidates in possession of the General Certificate of Education at Ordinary Level or a Malta Matriculation Certificate showing passes in English Language, Malese, Mathematics and any other two of the following subjects, namely: —

English Literature
History
Geography
General Science
Physics
Chemistry
Biology
Botany
Domestic Science or Handicraft
A modern language

shall be exempted from the written test of the entrance examination but will be submitted to the interview.

6. Vacancies will be allocated in the order of merit after a selective interview. Preference will, however, be given to those candidates who will be exempted from the written test on the strength of the General Certificate of Education or Malta Matriculation Certificate and who pass the interview.

7. In the case of candidates obtaining an identical total number of marks, previous service with Government and, if this does not form an establishing factor, age will be taken into consideration in establishing the order of merit amongst them.

8. Successful candidates will have to follow the course of studies in accordance with the Training School for Registered (General) Nurses Regulations, 1971.

9. Candidates admitted to the training school shall be known as student nurses.

10. Matul il-kors ta' studji, l-infermieri studenti jingħataw ikel b'xejn, ħruġ b'xejn ta' uniformi kif ukoll attenzjoni u kura medika b'xejn fl-isptar matul il-perijodi ta' *leave* minħabba mard.

11. L-infermieri studenti jkollhom jagħmlu d-dmirijiet bil-lejl f'intervalli regolari.

12. L-infermieri studenti jingħataw il-*cash allowance* li ġejja għax-xiri ta' kotba u għall-ispejjeż personali:—

| | |
|---|---|
| L-ewwel sena tal-Kors | £M745 |
| It-tieni sena tal-Kors | £M847 |
| It-tielet sena tal-Kors | £M1,000 |

13. L-infermieri studenti li jikkwalifikaw fl-Eżami Finali tal-Kors ikunu eliġibbli għad-dħul għall-parti ġenerali tar-Reġistru ta' l-Infermieri miżmum mill-Bord ta' l-Infermieri u l-Qwiebel, u kemm-il darba huma jiġu kunsidrati adattati u jissodisfaw ħtiġiet oħra stipulati għad-dħul fis-servizz tal-Gvern huma jkunu wkoll eliġibbli biex jimlew vakanzi ta' *Staff Nurses* li jkunu jeżistu dak iż-żmien, skond l-ordni tal-mertu akkwistat fl-Eżami Finali.

14. L-applikazzjonijiet għan-nominazzjoni biex wieħed joqgħod għall-eżami flimkien mad-dritt preskritt ta' 50c jintlaqgħu mir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet, 31, Triq Nofs in-Nhar, Valletta, mhux aktar tard min-12.30 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Settembru, 1981. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mingħand ir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet minn nhar it-Tnejn, il-21 ta' Settembru, 1981. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

15. L-Eżami se jitmexxa minn *panel* ta' eżaminaturi taħt id-direzzjoni tal-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali.

16. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġieba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-kandidati.

17. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu anke jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew xi stadju partikulari ta' l-eżami.

Il-11 ta' Settembru, 1981

10. During the course of studies, student nurses will be provided with free meals, free issue of uniforms, as well as free medical attention and treatment in hospital during periods of sick leave.

11. Student nurses shall have to perform night duties at regular intervals.

12. Student nurses will receive the following cash allowance for the purchase of books and for personal expenses: —

| | |
|---|---|
| First year of Course | £M745 |
| Second year of Course | £M847 |
| Third year of Course | £M1,000 |

13. Student nurses who qualify in the Final Examination of the Course will be eligible for admission to the general part of the Register of Nurses kept by the Nursing and Midwifery Board and, provided that they are considered suitable and fulfil other requirements laid down for entrance into Government service, they will also be eligible to fill vacancies of Staff Nurses existing at the time, according to the order of merit obtained in the Final Examination.

14. Applications for nomination to sit for the examination accompanied by the prescribed fee of 50c will be received by the Registrar of Examinations at 31, South Street, Valletta, by not later than 12.30 p.m. of Friday, 25th September, 1981. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the Registrar of Examinations as from Monday, 21st September, 1981. Late applications will not be considered.

15. The Examination shall be conducted by a panel of examiners under the direction of the Board of Local Public Examinations.

16. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

17. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

11th September, 1981

DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ

Dan il-*Warrant* magħmul mill-Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Industriji Parastatali u tal-Poplu skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali (Kapitolu 48) hu ippubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26 ta' l-Ordinanza.

Il-11 ta' Settembru, 1981

DEPARTMENT OF TRADE

The following Warrant issued by the Minister of Trade, Industry and Parastatal and People's Industries under the Industrial Property (Protection) Ordinance (Chapter 48) is published for general information in accordance with the provisions of section 26 of the Ordinance.

11th September, 1981

Warrant No. 854

## BY THE MINISTER OF TRADE, INDUSTRY AND PARASTATAL AND PEOPLE'S INDUSTRIES

WHEREAS UNITED WIRE GROUP LIMITED, a British Company of Granton Park Avenue, Edinburgh EH5 1HT, Scotland, have solemnly and sincerely declared that they are in possession of an invention for COVERINGS FOR SUBMERSIBLE OR SEMI-SUBMERSIBLE STRUCTURES and that the same is not in use by any other person to the best of their knowledge and belief;

WHEREAS the said possessors have applied for the grant to them of a Patent for the sole use and advantage of their said invention;

AND WHEREAS the said possessors have by and in their complete specification particularly described the nature of their invention;

NOW, THEREFORE, in exercise of the powers vested in Me by the Industrial Property (Protection) Ordinance, and on the conditions therein set forth, I do by these presents give and grant unto the said patentee the exclusive right to use the said invention and derive all profits therefrom, within the Island of Malta and its Dependencies, up to and until the lapse of fourteen years from 11th January, 1978.

PROVIDED THAT this My warrant is held on the condition, that if at any time, during the said term it is made to appear to Me that this My grant is contrary to law, or if the said patent be annulled by a Competent Court, or if the patentee shall forfeit their right to their patent, this My Warrant shall forthwith be determined and be void to all intents and purposes.

Given under my hand at the Ministry of Trade, Industry and Parastatal and People's Industries, Valletta, this 14th day of July, 1981.

(Sgd.) PATRICK J. HOLLAND
Minister of Trade, Industry and
Parastatal and People's Industries

# INDUSTRIAL RELATIONS ACT, 1976

## Report by Registrar of Trade Unions 1980 — 1981

The Minister of Labour,
Welfare and Culture

Madam

I have to submit the annual report in accordance with Section 14 (1) of the Industrial Relations Act 1976 for the period 1st July, 1980 to 30th June, 1981.

2. This period began with 39 organisations on the Register which were made up of 19 trade unions and 20 employers' associations.

3. During the period under review there were registered nine new organisations. Six of these were trade unions i.e. Medwear Clothing Operators Union (No. 198) with 181 members, Għaqda Ħaddiema Bluebell (No. 199) with 34 members, Airline Pilots and Flight Engineers Union (No. 200) with 16 members, Union of Aviation Engineers (No. 202) with 14 members, Unjoni Ħaddiema tas-Servizz Turistiku u Ħaddiema Allejati (No. 203) with 10 members and Union of Government Licenced Tourist Guides (No. 205) with 78 members. The three employers' associations were Minibus Transport Association (No. 197) with 83 members, Assoċjazzjoni tal-Prinċipali tal-Mini Buses Kiri (No. 201) with 24 members and Għaqda tad-Dulċiera (No. 205) with 78 members.

4. During the same period the Medwear Clothing Operators Union (No. 198) and Unjoni Ħaddiema tas-Servizz Turistiku u Ħaddiema Allejati (No. 203) were cancelled from the register at their own request. There were also cancelled the following organisations:

*After ceasing to exist*

Motor Agents and Traders Association (No. 150)

*For failing to render returns under para. 12 of the Industrial Relations Act*

Assoċjazzjoni tal-Produtturi tal-Majjali (No. 190)

Union tal-Barklori (No. 194)

5. At the end of the period under review there were then on the register 43 organisations made up of 22 trade unions and 21 employers' associations.

6. A number of organisations failed to render a complete return as required by para. 14 (1) of the Industrial Relations Act, 1976 when this was called for on 2nd June, 1981. A letter of warning was issued to these organisations and an extension given. When this lapsed there were five trade unions which had still not complied i.e. Unjoni tad-Drama (UND), Agricultural Produce Brokers and Packers Union, Union of Film Artistes, Union tal-Lukanda Mellieħa Bay, and Għaqda Ħaddiema Bluebell. There were also 6 employers' associations which similarly did not comply, i.e. Mechanized Quarry Owners Association, Association of Hard Stone Quarry Owners, Association of Self-Employed and Employers, Yacht Traders Association, Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Laħam, and Minibus Transport Association. All these were therefore on 3rd August, 1981 served with a Notice of Cancellation which would take effect in two months' time if there is still no compliance by then.

7. The membership strengths of Trade Unions and Employers' Associations as compared with those of my previous report are as follows: —

| | 1979/80 | 1980/81 |
|---|---|---|
| Trade Unions | 39,238 | 41,333 |
| Additions by late returns | — | — |
| Employers' Associations | 3,528 | 3,583 |
| Additions by late returns | 1,994 | — |
| | 44,760 | 44,916 |

8. The above table shows a slight increase in the membership strength of trade unions and employers' associations. However, when taking stock of the overall position of these organisations, account has to be taken of the ten trade unions/employers' associations which have not yet submitted the returns according to law and which have been served with notices of cancellation. These trade unions/employers' association last year had between them 2,291 members.

9. The appendix which follows contains details of trade unions and employers' associations on the Register on 30th June, 1981.

Your obedient servant
E. CILIA DEBONO
*A/Registrar of Trade Unions*

The Minister of Labour, Welfare and Culture
Ministry of Labour, Welfare and Culture
Republic Street,
VALLETTA.

| Reg. No. | | | | Membership: Declared in 1979/80 | Membership: Declared in 1980/81 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **TRADE UNIONS** | | | | |
| 1. | Movement of United Teachers | | | 3,212 | 3,267 |
| 16. | General Workers' Union | | | | |
| | | 1979/80 | 1980/81 | | |
| | Drydocks (Metal) | — | 4,268 | | |
| | Public Services Employees Section | 6,019 | 4,397 | | |
| | Metal Workers' Section | 6,219 | 2,137 | | |
| | Supervisory, Technical and Professional Staffs Association | 2,765 | 1,504 | | |
| | *Private Industries* | | | | |
| | Hotels, Restaurants and Food Workers' Section | 3,739 | 3,266 | | |
| | Textiles, Garment and Leather Workers' Section | 2,963 | 3,181 | | |
| | Port and Transport | 1,515 | 2,120 | | |
| | Chemicals and General Workers' Section | 4,256 | 4,799 | | |
| | Parastatal | — | 3,760 | 27,476 | 29,432 |
| 58. | Public Officers Union | | | 55 | 54 |
| 73. | Musicians Union | | | 47 | 39 |
| 103. | The Lotto Receivers Union | | | 144 | 140 |
| 123. | Union of Assistant Chemists | | | 28 | 26 |
| 130. | Union Ħaddiema Magħqudin | | | | |
| | | 1979/80 | 1980/81 | | |
| | Government and Public Corporations | 4,465 | 4,546 | | |
| | Private Sector | 1,386 | 1,614 | 5,851 | 6,160 |
| 140. | Unjoni tad-Drama (UND) | | | 101 | * |
| 142. | Agricultural Produce Brokers and Packers Union | | | 30 | * |
| 144. | Għaqda (Union) — Uffiċjali Anzjani tat-Tarzna (DSESU) | | | 76 | 92 |
| 155. | Union of Film Artistes | | | 52 | * |
| 164. | Movement of United Bank Employees | | | 1,020 | 1,012 |
| 169. | Central Bank Executives Union | | | 9 | 11 |
| 176. | Ħaddiema u Studenti Għawdxin Magħquda | | | 600 | 448 |
| 181. | Union Impjegati Simonds Farsons Cisk 1977 | | | 367 | 396 |
| 187. | Union tal-Ħaddiema tal-Lukanda Mellieħa Bay | | | 58 | * |
| 189. | Kamra ta' l-Ispiżjara — Trade Union | | | 43 | 48 |
| 191. | Farsons Non-Industrial Employees Union | | | 69 | 66 |
| 199. | Għaqda Ħaddiema Bluebell | | | — | * |
| 200. | Airline Pilots and Flight Engineers Union | | | — | 16 |
| 202. | Union of Aviation Engineers | | | — | 14 |
| 205. | Union of Government Licensed Tourist Guides | | | — | 112 |
| | | | | 39,238 | 41,333 |

| Reg. No. | | Membership Declared in 1979/80 | Membership Declared in 1980/81 |
|---|---|---|---|
| | EMPLOYERS' ASSOCIATIONS | | |
| 6. | GRTU Association of General Retailers and Traders ... ... | 2,328 | 2,340 |
| 30. | Mill Owners Association ... ... ... ... ... ... | 23 | 22 |
| 65. | Assoċjazzjoni tal-Bdiewa ... ... ... ... ... | 447 | 502 |
| 77. | The Employers' Association ... ... ... ... ... | 142 | 140 |
| 87. | Mechanized Quarry Owners Association ... ... ... | 16 | * |
| 100. | Macaroni Manufacturers Association ... ... ... ... | 7 | 7 |
| 108. | Association of Private Hire Bus Owners ... ... ... | 43 | 47 |
| 129. | Association of Hard Stone Quarry Owners ... ... ... | 9 | * |
| 137. | Hotels and Restaurants Association ... ... ... ... | 116 | 119 |
| 158. | Assoċjazzjoni tal-Furnara u Bejjiegħa tal-Ħobż ... ... | 182 | 182 |
| 159. | General Importers Association ... ... ... ... ... | 136 | 123 |
| 163. | Insurance Association ... ... ... ... ... ... | 28 | 30 |
| 168. | Rent-A-Car Association ... ... ... ... ... ... | 17 | 13 |
| 179. | Ladies Hairdressers Association ... ... ... ... ... | 20 | 7 |
| 182. | Association of Self-Employed and Employers ... ... ... | 1,969 | * |
| 193. | Yacht Traders Association ... ... ... ... ... | 15 | * |
| 195. | Gozo Hotels, Restaurants and Bars Association ... ... | 17 | * |
| 196. | Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Laħam ... ... ... ... | 7 | * |
| 197. | Minibus Transport Association ... ... ... ... ... | — | * |
| 201. | Assoċjazzjoni tal-Prinċipali tal-Mini Buses Kiri ... ... | — | 24 |
| 204. | Għaqda tad-Dulċiera ... ... ... ... ... ... | — | 27 |
| | | 5,522 | 3,583 |
| | Grand Total ... ... ... ... ... ... ... | 44,760 | 44,916 |

* Returns for this year not yet received

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET

Id-Direttur tax-Xogħlijiet jgħarraf illi:—

**Sal-11 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Settembru, 1981, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu offerti magħluqin għal:—**

Avviż Nru. 176. Provvista ta' *submersible drainage pump* għall-*Junior Lyceum* f'Tal-Ħandaq.

## WORKS DEPARTMENT

The Director of Works notifies that:—

**Sealed tenders will be received at this Office up to 11 a.m. on Friday, 25th September, 1981, for:—**

Advt. No. 176. Supply of a submersible drainage pump for Tal-Handaq Junior Lyceum.

**Sal-11 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-18 ta' Settembru, 1981, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu offerti magħluqin għal:—**

* Avviż Nru. 177. Tħaffir ta' trinek f'High Ridge, St Andrews.

* Avviż Nru. 178. Kisi għal kontra l-ilma ta' soqfa fid-Distrett tat-Tramuntana 1981/82.

* Avviż Nru. 179. Tqegħid ta' qatran fid-Distrett tat-Tramuntana 1981/82.

* Avviż Nru. 180. Tħaffir ta' trinek fil-Qasam tad-Djar ta' Ħad-Dingli.

* Avviż Nru. 181. Tħaffir ta' trinek f'Wied il-Għajn.

**Sal-11 a.m. ta' nhar il-Ħamis, is-17 ta' Settembru, 1981, f'dan l-Uffiċċju jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:—**

* Kwot. Nru. 263/81. Manifattura u twaħħil ta' *chain link fencing* madwar il-*Ground* ta' Ħal Lija/Ħal Balzan.

* Kwot. Nru. 264/81. Bejgħ 'tale quale' ta' oġġetti mhux servibbli li jinsabu fil-*Pumping Station* f'Ta' Qali.

* Kwot. Nru. 265/81. Tisqif ta' parti minn ġibjun f'Manoel Island.

* Avviżi/kwotazzjonijiet li qed jidhru għall-ewwel darba.

Il-formoli ta' l-offerta/kwotazzjoni u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tax-Xogħlijiet, Blokk Ċ, Beltissebħ, f'kull ġurnata tax-xogħol, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' Settembru, 1981

**Sealed tenders will be received at this Office up to 11 a.m. on Friday, 18th September, 1981, for:—**

* Advt. No. 177. Cutting of trenches at High Ridge, St Andrews.

* Advt. No. 178. Waterproofing of roofs in the North District 1981/82.

* Advt. No. 179. Laying of hot damp proof course in the North District 1981/82.

* Advt. No. 180. Cutting of trenches at Dingli Housing Estate.

* Advt. No. 181. Cutting of trenches at Marsascala.

**Sealed quotations will be received at this Office up to 11 a.m. on Thursday, 17th September, 1981, for:—**

* Quot. No. 263/81. Manufacture and fixing of a chain link fencing around Lija/Balzan Ground.

* Quot. No. 264/81. Sale 'tale quale' of unserviceable stores lying at Ta' Qali Pumping Station.

* Quot. No. 265/81. Roofing of part of water reservoir at Manoel Island.

* Advertisements/quotations appearing for the first time.

Forms of tender/quotation and further information may be obtained from the Office of Works, Block C, Beltissebħ, on any working day during office hours.

11th September, 1981

---

## UFFIĊĊJU TAT-TEŻOR

**L-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti** javża illi:—

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TNEJN, l-14 ta' Settembru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 637. Provvista ta' *tyres* u tubi lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 638. Provvista ta' *fans* ta' l-uffiċċju, *heaters,* domestic *appliances* u arloġġi tal-ħajt u ta' fuq l-iskrivanija lill-*Computer Centre,* is-Swatar, Ħad-Dingli.

## THE TREASURY

**The Accountant General and Director of Contracts** notifies that:—

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on MONDAY, 14th September, 1981, for:—**

Advt. No. 637. Supply of tyres and tubes to the Central Supplies Section.

Advt. No. 638. Supply of office fans, heaters, domestic appliances and wall/desk clocks to the Computer Centre, Swatar, Dingli.

Avviż Nru. 639. Provvista u stallazzjoni ta' tagħmir għas-sigurtà lill-*Computer Centre,* is-Swatar, Ħad-Dingli.

Advt. No. 639. Supply and installation of security equipment to the Computer Centre, Swatar, Dingli.

Avviż Nru. 640. Provvista ta' *continuous computer stationery* lill-*Computer Centre,* is-Swatar, Ħad-Dingli.

Advt. No. 640. Supply of continuous computer stationery to the Computer Centre, Swatar, Dingli.

Avviż Nru. 651. Provvista ta' *extractor fans* għall-arja lill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Advt. No. 651. Supply of air extractor fans to the Police General Headquarters.

Avviż Nru. 652. Provvista ta' *tyres* lid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

Advt. No. 652. Supply of tyres to the Department of Civil Aviation.

Avviż Nru. 653. Provvista ta' karozzi għall-*Computer Centre,* is-Swatar, Ħad-Dingli.

Advt. No. 653. Supply of motor cars for the Computer Centre at Swatar, Dingli.

Avviż Nru. 674. Kiri ta' karozzi *self-drive* lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Advt. No. 674. Hire of self-drive cars to the Department of Education.

Avviż Nru. 675. Provvista ta' kunserva tad-tadam lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Advt. No. 675. Supply of tomato paste to the Department of Health.

Avviż Nru. 676. Provvista ta' għaġin lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Advt. No. 676. Supply of paste to the Department of Health.

Avviż Nru. 682. Kisi għal kontra l-ilma ta' soqfa fl-iskola sekondarja tal-bniet tar-Rabat — Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Advt. No. 682. Waterproofing of roofs at the Rabat girls' secondary school — Department of Education.

Avviż Nru. 683. Xogħlijiet ta' trinek fl-inħawi ta' Sant'Antnin, Wied il-Għajn — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Advt. No. 683. Trenching works at Sant' Antnin area, Marsaskala — Department of Works.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Settembru, 1981, għal:—**

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, 17th September, 1981, for:—**

Avviż Nru. 625. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 12 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Advt. No. 625. Supply of pharmaceuticals No. 12 to the Department of Health.

Avviż Nru. 662. Provvista ta' *dredger barge* għall-użu fuq il-*breakwater* tal-Proġett ta' Marsaxlokk.

Advt. No. 662. Supply of dredger barge for use on the breakwater at the Marsaxlokk Project.

Avviż Nru. 668. Provvista ta' purtiera tal-palk, eċċ, lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Advt. No. 668. Supply of stage curtain, etc, to the Department of Education.

Avviż Nru. 677. Provvista ta' makni *diesel* għal *buses* tal-pulizija lill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Advt. No. 677. Supply of diesel engines for Police buses to the Police General Headquarters.

Avviż Nru. 684. Asfaltar ta' toroq fil-Qasam tad-Djar ta' Ħad-Dingli (Stima: £M5,365) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Advt. No. 684. Asphalting of roads at Dingli Housing Estate (Estimate: £M5,365) — Department of Works.

Avviż Nru. 685. Livellar u asfaltar tat-triq madwar il-Qasam Industrijali ta' San Ġwann (Stima: £M51,774) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Advt. No. 685. Levelling and asphalting of the ring road of the San Ġwann Industrial Estate (Estimate: £M51,774) — Department of Works.

Avviż Nru. 686. Xogħlijiet ta' trinek u tqegħid ta' kanen għall-estensjoni ta' l-ilma u katusi tad-drenaġġ fil-Qasam tad-Djar taż-Żejtun — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Advt. No. 686. Trenching works and laying of pipes for the water and sewer extension at the Żejtun Housing Estate — Department of Works.

Avviż Nru. 687. Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek minħabba l-estensjoni tal-*main* tad-drenaġġ fil-Qasam tad-Djar ta' Ħaż-Żebbuġ (Skema tal-*Home Ownership*) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

Avviż Nru. 689. Bejgħ ta' tagħmir u oġġetti oħra tal-Ko-operattiva tal-Produtturi tal-Ħnieżer u l-Ko-operattiva Maltija ta' l-Ikel u l-Frott.

Advt. No. 687. Trenching works in connection with the main sewer extension at Żebbuġ Housing Estate (Home Ownership Scheme) — Department of Works.

Advt. No. 689. Sale of equipment and other items belonging to the Pig Producers Co-operative Society Ltd and the Malta Food and Fruit Co-operative Society Ltd.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Settembru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 631. Provvista ta' borom ta' l-aluminju lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 632. Provvista ta' karta għal-*ledger* u *cast coated boards* lill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika.

Avviż Nru. 641. Provvista ta' *disposable blood transfusion sets* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 678. Provvista ta' *wire rope* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 679. Provvista ta' skorfini, imsiemer, *washers* u *rivets* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 690. Bejgħ (tale quale) tal-MV Cicciolina li tinsab fil-Port il-Kbir.

* Avviż Nru. 691. Provvista ta' ġebel għad-Dar ir-Risq f'Senglea Terrace — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on Thursday, 24th September, 1981, for:—**

Advt. No. 631. Supply of aluminium cooking pots to the Department of Health.

Advt. No. 632. Supply of ledger paper and cast coated boards to the Central Office of Statistics.

Advt. No. 641. Supply of disposable blood transfusion sets to the Department of Health.

Advt. No. 678. Supply of wire rope to the Central Supplies Section.

Advt. No. 679. Supply of nuts, nails, washers and rivets to the Central Supplies Section.

Advt. No. 690. Sale (tale quale) of MV Cicciolina lying at Grand Harbour.

* Advt. No. 691. Supply of building stone for Dar-ir-Risq at Senglea Terrace — Department of Works.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TNEJN, it-28 ta' Settembru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 654. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 11 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 655. Provvista ta' pilloli u mustardini Nru. 3 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 688. Provvista ta' għamara tubulari lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

* Avviż Nru. 692. Estensjoni ta' l-arkati f'San Ġiljan — Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

* Avviż Nru. 693. Tħaffir ta' trinek għall-estensjoni tal-*main* tad-drenaġġ fid-Distrett tan-Nofs-in-Nhar (l-inħawi ta' Wied il-Għajn) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

* Avviż Nru. 694. Estensjoni tal-*main* ta' l-ilma f'Wied il-Għajn (Iż-Żonqor) Skema tal-*Home Ownership* — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

* Avviż Nru. 695. Xogħlijiet ta' konkos fl-iskola sekondarja tar-Rabat, (Malta) (Stima: £M6,540) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

* Avviż Nru. 696. Xogħlijiet ta' ġebel u konkos għall-bini ta' *assembly hall* fl-iskola ta' San Ġorġ, Ħal Qormi (Stima: £M23,225) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on MONDAY, 28th September, 1981, for:—**

Advt. No. 654. Supply of medical and surgical equipment No. 11 to the Department of Health.

Advt. No. 655. Supply of pills and tablets No. 3 to the Department of Health.

Advt. No. 688. Supply of tubular furniture to the Department of Education.

* Advt. No. 692. Extension of arcades at St Julians — Department of Agriculture.

* Advt. No. 693. Excavation of trenches for the extension of the main sewer at the South District (Marsascala area) — Department of Works.

* Advt. No. 694. Extension of water main at Marsascala (Iż-Żonqor) Home Ownership Scheme — Department of Works.

* Advt. No. 695. Concrete works at the Rabat (Malta) secondary school (Estimate: £M6,540) — Department of Works.

* Advt. No. 696. Masonry and concrete works for the construction of an assembly hall at St. George's School, Qormi (Estimate: £M23,225) — Department of Works.

* Avviż Nru. 697. Bini ta' blokk ta' l-amministrazzjoni fl-iskola sekondarja Tas-Samra. (Stima: £M9,977) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.
* Avviż Nru. 698. Xogħlijiet ta' ġebel u konkos fl-estensjoni ta' l-iskola ta' San Ġwann (Stima: £M24,845) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.
* Avviż Nru. 699. Bini ta' estensjoni għall-*pumping station* tax-Xogħlijiet ta' l-Ilma fl-Imġarr, Malta. (Stima: £M18,000) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Ottubru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 661. Provvista ta' *castors* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TNEJN, il-5 ta' Ottubru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 642. Provvista ta' impjant tad-desalinazzjoni (Jitħallas dritt ta' £M50.00,0 għal kull sett ta' dokumenti ta' l-offerta).
Avviż Nru. 669. Provvista ta' diżinfettanti lid-Dipartiment tas-Saħħa.
Avviż Nru. 670. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 11A lid-Dipartiment tas-Saħħa.
Avviż Nru. 671. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 24 lid-Dipartiment tas-Saħħa.
Avviż Nru. 672. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 8 lid-Dipartiment tas-Saħħa.
Avviż Nru. 673. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 11 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Ottubru, 1981, għal:—**

Avviż Nru. 680. Provvista ta' *stretcher trolleys* lid-Dipartiment tas-Saħħa.
Avviż Nru. 681. Provvista ta' materjal ikħal lid-Dipartiment tas-Saħħa.
* Avviż Nru. 700. Provvista ta' oġġetti tal-metall lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.
* Avviż Nru. 701. Provvista ta' mediċinali lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.
* Avviż Nru. 702. Provvista ta' pultruni lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Ottubru, 1981, għal:—**

* Avviż Nru. 703. Provvista ta' *atraumatic sutures* Nru. 1 lid-Dipartiment tas-Saħħa.
* Avviż Nru. 704. Provvista ta' *atraumatic sutures* Nru. 2 lid-Dipartiment tas-Saħħa.
* Avviż Nru. 705. Provvista ta' *atraumatic sutures* Nru. 3 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

* Advt. No. 697. Construction of an administration block at Ta' Samra secondary school (Estimate: £M9,977) — Department of Works.
* Advt. No. 698. Masonry and concrete works at the extension of the San Ġwann School (Estimate: £M24,845) — Department of Works.
* Advt. No. 699. Construction of an extension to the Water Works pumping station at Mġarr, Malta (Estimate: £M18,000) — Department of Works.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on THURSDAY, 1st October, 1981, for:—**

Advt. No. 661. Supply of castors to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on MONDAY, 5th October, 1981, for:—**

Advt. No. 642. Supply of desalination plant (A fee of £M50.00,0 is being charged for each set of tender documents).
Advt. No. 669. Supply of disinfectants to the Department of Health.
Advt. No. 670. Supply of medical and surgical equipment No. 11A to the Department of Health.
Advt. No. 671. Supply of medical and surgical equipment No. 24 to the Department of Health.
